MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tal-25 ta' April, 2013

Numru. 1008/2012

**PULIZIJA**
**SPETTUR ROBERT SAID SARREO**

**VS**

**STEFANO MONTEBELLO**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stefano Montebello, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 52585 (M).

**Akkuzat talli:**

B'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi, u liema atti gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Bejn Jannar 2011 u Settembru 2011, gewwa dawn il-gzejjer, b'mezzi kontra l-Ligi, jew billi ghamel uzu ta` ismijiet foloz, jew ta` kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex gieghel jitwemmen l-ezistenza ta` intraprizi foloz, jew ta` hila, setgha fuq haddiehor, jew ta` krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza` ta` xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta` anqas minn elf, mija u erbgha u sittin Ewro (€1,164.7) ghad-dannu ta` Graziella Sciberras, Melita Cable plc u/jew persuni ohra u aktar talli;
2. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, iffalsifika cedula, polza, ordni, jew dokumenti ohra, illi meta jigu prezentati wiehed jista` jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta` ogetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern u aktar talli;

3. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta` bank privat b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, dispozizzjonijiet jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, dispozizzjonijiet, obbligi jew helsin minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li kienu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw u aktar talli;

4. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi, xjentement ghamel uzu minn att, kitba jew skrittura falza u aktar talli;

5. U finalment talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi f'dawn il-gzejjer, irrenda ruhu recidiv ai termini ta` l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta wara li gie misjub hati b'diversi sentenzi mghotija mill-Qrati ta` Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula.

Il-Qorti giet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta` htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta` spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta` esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9
tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta ghas-sigurta` ta` dawn il-persuni hawn fuq indikati.

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50, 533, 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;
Wara li rat il-provi prodotta u semghet ix-xhieda mressqa;

Wara li hadet in konsiderazzjoni l-ammissjoni tal-imputat liema ammissjoni hija ripensata u volontarja;

Wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Wara li hadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt illi llum l-imputat ghandu mpjieg fiss;

**Ikkunsidrat:**

Illi l-ammissjoni volontarja u kkundizjonata tal-imputat ghall-imputazzjonijiet lilu addebitati mill-prosekuzzjoni ma jhallu ebda alternattiva ohra lil din il-Qorti hlief li ssib lill-imputat hati kif inhu akkuzat. Din il-Qorti wara li hadet in konsiderazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz, wara li rat

ukoll il-fatt illi l-imputat hu recidiv, temmen li piena karcerarja hija necessarja f’dan il-kaz izda tenendo conto tal-fatt illli l-imputat qieghed jahdem, u wkoll wara li hadet in konsiderazzjoni li huwa d-dritt tal-kreditur illi jigi mhallas, il-Qorti qedgha tikkundanna lill-imputat ghal terminu ta` prigunerija ta` sena (1) izda a tenur tal-artikolu 28 (H) qedgha tisospendi din id-data tal-perjodu ta` sena (1) bi zmien sentejn (2) sakemm fi zmien sitt (6) xhur millum l-imputat ihallas l-ammont ta` elf, tmien mija, sitta u erbghin ewro (€1,846) lis-socjeta` Melita. Din hija kondizzjonali li hu ma jmurx il-habs.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------